# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 1**

**Appell Nru. 372/99 MM**

**Commonwealth Education Society Limited**

**vs**

**Adriana Camilleri**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**L-Avviz Promotorju**

1. Permezz ta' Avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Marzu, 1999, fil-kawza fl-ismijiet premessi, l-

istess socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450.00c) import tal-prezz ta' diversi kotba lilha mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici skond l-iskrittura tad-9 ta' Lulju, 1996 (Dok A), kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv u dana prevja dikjarazzjoni illi l-istess konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tal-mod u tat-terminu kif lilha koncess mill-istess socjeta' attrici fl-istess skrittura, u dana senjatament minhabba l-inadempjenza da parti taghha rigwardanti l-kondizzjonijiet tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess Skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini ta' l-Iskrittura, kellhom jibdew jigu minnha effettwati lis-socjeta' attrici b'effett mid-9 ta' Settembru, 1996, bir-rata ta' Lm18.00c kull wiehed, izda baqghu ma sarux.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-5 ta' Dicembru, 1997 kontra l-konvenuta li giet ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

**L-Eccezzjonijiet tal-konvenut**

2. Permezz ta' Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuta fil-5 ta' April, 1999, l-istess konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghaliex:

1. L-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr pregudizzju ghal 'l fuq espost, is-socjeta' attrici giet debitament informata li setghet tiehu l-kotba lura u dan fil-bidu nett u dan ghaliex il-kotba ma kienux dawk imweghda. Illi mitluba tghid fejn ghandhom jigu ritornati l-kotba s-socjeta' attrici pprezentat din il-kawza.

Illi permezz ta' Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri ipprezentata fl-10 ta' Dicembru, 1999, l-istess konvenuta eccepiet ulterjorment illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha taghhom u dan ghaliex:

1. l-azzjoni kif promossa hija nulla u bla effett ai termini ta' l-artikolu 789 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta), stante li ma tezistix socjeta' f'Malta bl-isem u l-indirizz indikati fl-avviz, u dan minkejja id-disposizzjonijiet tassattivi ta' artikoli 181A (1) (ghar-rigward ta' l-isem) u 174 (2) (ghar-rigward ta' indirizz) tal-Kap 12, kull tentattiv ta' tibdil fl-okkju ta' l-avviz f'dan l-istadju li jkollu l-effett li jbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni ghandu jigi michud skond l-artikolu 175 (1) tal-Kap 12.

**Is-sentenza appellata**

3. Permezz ta' sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-19 ta' Gunju, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi, il-Qorti ddecidiet l-istess kawza billi laqghet in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta, u ddikjarat l-azzjoni kif promossa nulla u bla effett u konsegwentement illiberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**L-appell tas-socjeta' attrici**

4. Illi s-socjeta' attrici hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza, u intrponiet appell minnha fuq l-aggravju illi l-ewwel Onorabbli Qorti kien imissha cahdet u mhux laqghet l-ecezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, u konsegwentement ma lliberatx lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u pprocediet sabiex tittratta u tiddeciedi l-azzjoni attrici fil-meritu.

Difatti, is-sentenza appellata hija bazata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni ghal kollox skorretta tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligijiet ta' Malta, specifikament dawk tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Illi minn qari tal-motivazzjonijiet tas-sentenza appellata, wiehed jintebah minnufih illi l-Ewwel Qorti kienet ovvjament ippregudikata minhabba d-digriet precedenti taghha tat-13 ta' Marzu, 2000, u fil-fatt il-Qorti ppretendiet illi s-socjeta' attrici estera kellha titlob ghar-revoka contrario imperio ta' l-istess digriet. Bir-rispett kollu, u ai termini tal-ligijiet procedurali taghna, xejn ma jista' jkun aktar il-boghod mill-verita'. Anke jekk tassew illi proceduralment is-socjeta' attrici setghet titlob ir-revoka contrario imperio ta' l-imsemmi Digriet kif b'mod ghal kollox sorprendenti ippretendiet illi kellha taghmel l-Ewwel Qorti, dan ma jfissirx illi l-istess socjeta' attrici kienet b'xi mod obbligata li taghmel dan peress illi skond id-Dokumenti kollha esebiti u ghar-ragunijiet kollha moghtija waqt it-trattazzjoni finali illi saret fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2000, xorta wahda jibqa' l-fatt illi l-Avviz odjern tas-socjeta' attrici kienet pprezentata bil-mod l-aktar korrett u b'rispett shih ghar-rekwiziti procedurali kollha applikabbli.

Illi l-pregudizzju ta' l-Ewwel Qorti, dejjem bir-rispett kollu lejha, kien gie manifest bil-mod l-aktar car meta l-istess Qorti kienet cahdet talba maghmula mid-difensur tas-socjeta' attrici sabiex issir replika ghat-trattazzjoni maghmula mid-difensur tal-konvenuta - liema cahda, fuq l-insistenza ta' l-istess difensur tas-socjeta' attrici, kienet anke giet verbalizzata.

Illi skond ma jipprovdi l-Artikolu 181A (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili:

> "Meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita' guridika distinta, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp".

Dan l-artikolu ma jaghmilx distinzjoni bejn korpi b'personalita' guridika distinta Maltin u dawk esteri. Ovvjament, korp b'personalita' guridika distinta tinghata tali personalita' skond il-ligijiet rilevanti tal-pajjiz illi tahthom ikun gie kostitwit u registrat tali korp. L-importanza ghall-finijiet ta' l-Artikolu tal-ligi in ezami mhux jekk il-korp huwiex Malta jew esteru, izda jekk tali korp ghandux tassew personalita' guridika distinta. Dan jemergi mil-ligi governattiva tal-pajjiz illi fih ikun giet stabbilit l-istess korp.

Illi fil-kaz odjern, is-socjeta' attrici hija kostitwita bhala korp b'personalita' guridika distinta skond il-ligijiet tal-Bahamas. Dan gie sufficjentement indikat fl-iskrittura (Dokument 'A') annessa ma' l-avviz, oltre illi gie sussegwentement ampjament ippruvat u ssostanzjat mid-diversi provi dokumentarji esebiti waqt it-trattazzjoni tal-kawza (Dokumenti 'C', 'D', u 'E').

Illi fl-ebda stadju ma gie kkontestat mill-konvenuta jew ritenut mill-Ewwel Qorti illi korpi kostitwiti fil-Bahamas ma jgawdux personalita' guridika

distinta. L-unika kontestazzjoni tal-konvenuta, u l-unika diffikolta' ta' l-Ewwel Qorti, kien jirrigwarda biss il-fatt – fattur dan ghal kollox irrilevanti – illi s-socjeta' attrici ma kienetx socjeta' registrata hawn Malta.

Ghalhekk minhabba li s-socjeta' attrici hija korp munit b'personalita' guridika distinta, ghall-finijiet ta' l-Artikolu 181 A in ezami kull ma kien jinhtieg illi jigi indikat fl-Avviz kien l-isem ta' l-istess socjeta' – u dana ai termini tal-ligi procedurali kif emendata fl-1995.

Illi billi s-socjeta' attrici estera hija wahda inkorporata fil-Bahamas u ghalhekk barra minn Malta, skond kif fuq premess, ai termini ta' l-Artikoli 180 (1) (a) u (2) kif ukoll ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, kien jinhtieg ukoll illi filwaqt tal-prezentata ta' l-Att ta' l-Avviz l-istess socjeta' ikollha lil xi hadd hawn Malta awtorizzat bil-miktub sabiex jipprezenta l-iskritturi ghan-nom taghha, u dana sew ghall-finijet tal-presentata ta' l-istess skritturi, kif ukoll ghall-finijet tan-notifika.

Illi apparti l-fatt illi l-Iskrittura (Dokument A) anness mal-Avviz kien gia' jindika bic-car l-isem u l-indirizz tar-rappresentant lokali tas-socjeta' attrici estera, waqt it-trattazjoni tal-kawza, is-socjeta' attrici appellanti ippresentat kopja awtentikata tal-Prokura minnha rrilaxxjata a favur ta' Godfrey Aquilina (Dokument B) – liema prokura kienet giet esegwita fid-

19 ta' Novembru 1997 u ghalhekk precedentement ghall-presentata ta' l-Avviz. Ghaldaqstant ir-rekwiziti tal-ligi procedurali f'dana r-rigward kienu gew ukoll ampjament sodisfatti.

Illi waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, fl-istadju ta' meta l-konvenuta kienet cediet l-eccezzjoni preliminari taghha dwar il-preskrizzjoni u talbet differiment sabiex tippresenta Rikors ghall-eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Verbal tat-18 ta' Novembru 1999, is-socjeta attrici appellanti fi sforz sabiex ticcara l-posizzjoni u sabiex jigi evitat hafna dewmien, skond hi bla bzonn, fit-trattazzjoni ta' tali eccezzjoni ulterjuri illi l-konvenuta kienet intimat illi sejra tissolleva, kienet ippresentat Rikors hija stess fejn talbet lill-Qorti tawtorizza ai termini tal-Artikolu 175(1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili korrezzjoni fl-Avviz kif ukoll fl-Atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti billi immedjatament wara l-isem tas-socjeta' attrici kif jidher fl-okkju jizdiedu l-kliem "ta' Nassau, Bahamas, kif rappresentata lokalment mill-Mandatarju taghha Godfrey Aquilina".

Illi sfortunatament, pero' permezz tad-Digriet taghha tat-13 ta' Marzu 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi, l-Ewwel Qorti cahdet dina t-talba billi skond hi l-isem "Commonwealth Educational Society Limited" ma ghandha l-ebda stat guridiku fil-gurisdizzjoni Maltija u ghalhekk dejjem skond hi il-kawza giet intavolata taht isem fittizju u guridikament inesistenti li jista' jgib in-nullita' ta' l-atti kollha ta' din il-kawza, liema

nullita' ma tistax tigi sanata semplicement billi jizdiedu xi ismijiet fl-okkju tal-kawza ghaliex it-talba attrici ser taffettwa serjament is-sustanza ta' l-azzjoni u principalment l-eccezzjonijiet tal-konvenuta skond id-dispost ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12.

Illi b'kull rispett lejn il-gudizzju ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-Avviz kif ippresentat mis-socjeta' attrici appellanti bl-ebda mod ma kien ivvizzjat bin-nullita' skond kif previst mil-ligi fl-Artikolu 789 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u l-istess Ewwel Qorti kellha kull poter ai termini ta' 'l fuq imsemmi Artikolu 175 ta' l-istess Kodici sabiex tawtorizza l-korrezzjoni mitluba mill-esponenti.

Illi l-emendi li saru fin-1995 ta' diversi artikoli fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) in partikolari li huma ta' importanza ghall-kaz in ezami huma l-Artikoli 174, 175, 180 u 181A li saru proprju sabiex jigi assigurat illi s-sustanza tirbah fuq il-forma.

Illi l-Artikolu 175 (1) jipprovdi u jaghti poter lill-Qorti, wara talba formali ta' xi wiehed mill-partijiet, sabiex tissostitwixxi xi atti jew li tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdiedu jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita' li fihom jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, it-talba ghall-korrezzjoni kif indikata ma kienetx sejra tbiddel bl-ebda mod is-sostanza tat-talba. Is-socjeta attrici xorta wahda kienet ser tibqa' l-Commonwealth Educational Society Limited, liema socjeta' gia kienet u baqghet lokalment rappresentata permezz tal-Mandatarju taghha Godfrey Aquilina.

Illi qabel ma saru l-emendi l-godda fil-Kodici tal-Procedura (Kap 12) kien sar studju elevat mill-membri tal-Kummissjoni imwaqfa apposta. Dawn il-membri fir-Rapport taghhom "Justice Within a Reasonable Time", f'pagina 21, kienu kitbu hekk:

> "that moral persons should be capable of being party to proceedings by being served with judicial acts in their own right. The judicial representatives of a moral person will not have to be named as parties to the proceedings but would simply be obliged to meet those requirements of the trial which can only be performed by physical persons (as for example, the service and the confirmation of statements on oath)."

Illi skond kif gia' gie aktar il-fuq sottomess, ir-rekwiziti kollha f'dan il-kaz kienu kollha sodisfatti ai termini tal-Artikolu 181A. Fil-fatt kull ma kien hemm mehtieg, u li hekk sar, kien li jitnizzel biss l-isem tas-socjeta'.

B'riferenza imbaghad ghall-Artikolu 180(1)(a) u (2) ta' l-istess Kodici, f'kaz ta' korp b'personalita distinta l-atti jridu jigu ippresentati mir-rapprezentant tas-socjeta stess jew minn prokuratur legali kif fil-fatt sar.

Illi imbaghad, ghall-finijiet tad-dispost rilevanti tal-Artikolu 174(2), ghal dak li huwa indikazzjoni tal-indirizz tas-socjeta' attrici, stante l-fatt illi tali socjeta' hija socjeta' estera, huwa sufficjenti illi jigi indikat l-indirizz tal-istess rappresentant lokali ossia tal-mandatarju taghha hawn Malta – kif fil-fatt debitament sar.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti, rinfaccjata bil-provi kollha dokumentarji mehtiega, ma kellhiex ghalfejn tkompli twebbes rasha u tippronunzja l-azzjoni kif promossa bhala nulla u bla effett. Bir-rispett kollu lejn l-integrita' ta' l-Ewwel Qorti, lanqas ma l-istess Qorti kellha tinsa illi hawn si tratta mhux b'xi Citazzjoni formali ppresentata quddiem il-Qrati Superjuri, izda semplicement b'mera Avviz ippresentat quddiem il-Qrati Inferjuri fejn wiehed il-proceduri jassumu natura ghal kollox sommarja.

Illi kien ghal dan l-iskop li, wara l-isem tas-socjeta' attrici, l-istess socjeta' talbet illi tnizzel l-indirizz ta' Godfrey Aquilina, ghaliex dina l-persuna bhala r-rappresentant lokali tas-socjeta' attrici estera tircievi ghan-nom ta' l-istess socjeta' u fl-istess indirizz indikat fl-Avviz kull att jew avviz destinat ghall-istess socjeta' attrici, u huwa wkoll awtorizzat li jidher f'isem is-socjeta' fil-proceduri kollha istitwiti quddiem dawn il-Qrati. Ghalhekk xejn kif il-konvenut irnexxilha tipperswadi lill-Ewwel Qorti tifhem, u cioe' illi l-Avviz kien gie ippresentat senjatament sabiex taghti lil wiehed x'jahseb li dina s-socjeta hija registrata hawn Malta.

Illi l-konkluzzjoni li waslet ghalihom l-ewwel Qorti ma jreggux aktar u aktar meta wiehed jara l-importanza tal-artikolu 181A fil-kuntest ta' dina l-kawza.

Illi jidher l-Qrati taghna fehmu sewwa l-import ta' dan l-artikolu, u b'Sentenza moghtija minn dina l-istess Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Angela armla ta' John Fenech vs Joseph Felice noe" il-Qorti qalet hekk:

> "illi l-artikolu jiddisponi b'mod car meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita' guridika jkun bizzejjed li wiehed inizzel isem il-korp. Dan ifisser illi jekk isem is-socjeta' li indubbjament ghandha personalita' guridika distinta gie mnizzel sewwa – u fuq dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni – l-istess socjeta tkun giet imharrka sewwa u xejn izjed m'hu mehtieg. Hu allura rrilevanti l-isem tal-persuna li hija indikata bhala li ghandha r-rappresentanza guridika ta' dik is-socjeta'; kemm jekk hi indikata sewwa, kemm jekk hi indikata zbaljatament, kemm jekk kellha effettivament ir-rappresentanza guridika tas-socjeta' wahedha, kemm jekk kellha tali rappresentanza ma' haddiehor ………….. Dawn huma dettalji li l-ligi ma tirrikjedix u, jekk ghal xi raguni jokkorru fl-okkju, hu bizzejjed li l-Qorti tordna l-kancellament ta' dawn l-ismijiet ormai zejda biex l-atti jkunu regolarizzati."

Hija ghalhekk cara l-interpretazzjoni li dina l-istess Qorti tal-Appell gia' tat lill-Artikolu 181A(1).

Ghalhekk mhux korrett li l-Ewwel Qorti tghid, permezz tal-fuq imsemmi Digriet taghha tat-13 ta' Marzu 2000, illi l-kawza giet intavolata taht isem fittizju u guridikament inezistenti li jista' jgib in-nullita' tal-atti kollha ta' din il-kawza.

Is-socjeta' attrici thoss ruhha tassew aggravata b'dak li qalet l-istess Qorti minhabba l-fatt li donna qiesha riedet tghid illi it-talba saret b'mod frawdolenti, minn socjeta' li ma hiex inkorporata imkien u ghalhekk inezistenti. Wara kollox l-istess konvenuta taf sewwa ma' minn hija kienet ikkuntrattat ferm qabel ma gew istitwiti l-proceduri odierni, billi l-Iskrittura tindika sewwa d-dettalji kollha tar-registrazzjoni ta' l-istess socjeta' sahansitra anke' turi n-numru tar-registrazzjoni.

Illi difatti huwa opportun li wiehed hawn ifakkar illi meta gie ippresentat l-istess Avviz fid-9 ta' Marzu 1999, mieghu gie ppresentat ukoll l-istess Skrittura (Dokument immarkat "A") li huwa l-kuntratt ta' bejgh ta' l-istess kotba. Minn hawn, prima facie wiehed setgha jara id-dettalji li fih (a) l-isem tas-socjeta attrici, cioe' Commonwealth Educational Society Ltd fuq nett, (b) Registered in Nassau, Bahamas, mal-genb tal-kuntratt u (c) fuq nett mal-genb l-isem u l-indirizz tar-rappresentant taghha cioe' Godfrey Aquilina, fejn effettivament saret in-notifika. Dan ifisser illi kieku l-Ewwel Qorti rat sewwa dan il-kuntratt, kif fil-fatt u bir-rispett kollu kienet giet mitluba sabiex taghmel, kienet tinduna mill-ewwel li l-kumpanija ma hiex wahda inkorporata f'Malta u b'hekk ma kienetx tkun daqstant influwenzata bic-Certifikat prodott mill-konvenuta li juri illi s-socjeta' attrici ovvjament mhix registrata hawn Malta.

Illi dak li l-Ewwel Qorti qalet fid-Digriet taghha tat-13 ta' Marzu 2000 irrepetietu fis-Sentenza appellata taghha.  F'din is-Sentenza l-Qorti qalet illi:

> "  l-okkju jaghti wiehed x'jifhem illi din s-socjeta' hija registrata hawn Malta u l-konvenuta giet notifikata b'dan l-avviz biex twiegeb ghat-talba tas-socjeta' kif indikata."

Illi fl-istess paragrafu l-Qorti tkompli tghid illi l-azzjoni ma tistax tregi, peress illi giet ppresentata minn persuna guridika non ezistenti, u ghalhekk tat ragun lill-konvenuta meta eccepiet illi l-azzjoni kif promossa hija nulla u bla effett.

Illi ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, l-esponenti tissottometti illi hi kienet 'ab inizio' ottemporat ruhha sewwa mar-rekwisiti kollha procedurali tal-ligi, u konsegwentement hija ma kelliex ghalfejn titlob ir-revoka contrario imperio tad-digriet precedenti ta' l-istess Ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 2000 billi it-talba ghall-korrezzjoni ma kienetx essenzjali ghall-validita' tal-Avviz kif ippresentat, izda semplicement ghall-finijiet ta' l-ekonomija tal-gudizzju u proprju sabiex jigi evitat il-konfuzjoni shiha illi inqalghet in segwitu ghall-presentata, da parti tal-konvenuta, tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri taghha.  Sic et semplicitur.

Ghaldaqstant l-appellant talab li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka in toto s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Gunju 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u ghalhekk li tipprovdi minflok

billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri kollha tal-konvenuta, tirrinvija l-Atti kollha tal-kawza fl-ismijiet premessi lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) ghat-trattazzjoni u decizjoni fir-rigward tal-meritu, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-konvenuta.

<u>Risposta ta' l-appell ta' l-appellata  Adriana Camilleri</u>

5. L-appellata wiegbet hekk :-

Illi d-decizjoni ta' l-Qorti ta' l-Magistrati (Malta) datata 19 ta' Gunju 2000 hija gusta u timmerita li tigi konfermata, u konsegwentement l-appell interpost allegatament minn certa "Commonwealth Educational Society Limited" u debitament notifikat lill-appellata ghandu jigi michud bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:

1. In linea preliminari l-appellata tirrileva li, kuntrarjament ghal dak provdut fl-artikolu mitejn sitta u ghoxrin (226) subartikolu wiehed (1) ta' l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu Tnax (12) ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta) ir-rikors ta' l-appell gie presentat fir-registru ta' l-Qorti ta' l-Appell fl-ghaxra (10) ta' Lulju 2000 u cioe' wara li ghalaq iz-zmien ta' ghoxrin (20) gurnata mill-jum ta' s-sentenza ta' l-Qorti ta' l-Magistrati (Malta) ta' d-dsatax (19) ta' Gunju 2000, biex b'hekk dik l-istess sentenza issa hija sentenza inappellabbli li ghaddiet fil-gudikat (res judicata).  Ghaldaqstant, ir-rikors ta' l-appell ma jistax jigi kunsidrat u bhala konsegwenza ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Subordinatament, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellata tirrileva li l-Qorti ta' l-Magistrati (Malta) interpretat u applikat il-ligi korrettement fir-regward ta' l-eccezzjoni moghtija mill-appellata fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri minnha presentata, bil-konsegwenza li t-talba kontenuta fir-rikors ta' l-appell ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. Illi ghandu jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellata fil-konfront tar-rikors ta' appell li kien "fuori termine" giet irtirata.

Illi, fit-tieni lok, ghandu jigi rilevat wkoll illi l-appellanti qieghed jitlob biss ir-revoka in toto tas-sentenza appellata kif moghtija fid-19 ta' Gunju, 2000. Fi kliem iehor huwa ma talabx u mhux qed jitlob ukoll ir-revoka tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-13 ta' Marzu, 2000, li, in forza tieghu, it-talba tas-socjeta' attrici "Commonwealth Educational Society Limited" sabiex fl-okkju jizdiedu l-kliem "ta' Nassau, Bahamas, kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina" giet michuda. Dan il-fatt inissel il-konsegwenza li sallum l-azzjoni attrici ghadha qeghda ssir f'isem socjeta' allegatament registrata barra minn Malta u li fil-mument meta gie pprezentat ir-rikors promotorju fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati kontra l-intimata appellata, din la deher ghaliha l-mandatarju taghha u l-indirizz riportat fl-avviz – indirizz f'lokalita' gewwa

Malta – ma kienx l-indirizz ta' mnejn din is-socjeta' estera kienet topera. Ifisser ukoll, fin-nuqqas ta' appell, it-talba tar-revoka ta' dan id-digriet jigifieri, li s-sottomissjonijiet kollha li saru fir-rikors ta' appell dwar jekk l-Ewwel Qorti kienetx gustifikata jew inkella le dwar jekk kellhiex invece takkolji t-talba ghall-precitata korrezzjoni fl-okkju a tenur ta' l-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 m'ghandhom l-ebda siwi ghall-fini ta' dana l-apell. Ifisser mela li l-appell odjern, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, gie interpost u jinsab intavolat minn socjeta' estera.

7. Illi, kif tajjeb gie sottomess fir-rikors ta' appell "billi s-socjeta' estera hija wahda inkorporata fil-Bahamas u ghalhekk barra minn Malta ......ai termini ta' l-artikoli 180 (1)(a) u (2) kif ukoll ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kien jinhtieg ukoll illi, filwaqt tal-prezentata ta' l-Att ta' l-Avviz, l-istess socjeta' jkollha lil xi hadd hawn Malta awtorizzat bil-miktub sabiex jipprezenta l-iskrittura ghan-nom taghha, u dana sew ghall-finijiet tal-prezentata ta' l-istess skritturi, kif ukoll ghall-finijiet tan-notifika".

8. Illi din il-Qorti tinnota li fil-mument proprju li saret il-prezentata ta' l-avviz promotorju, dak li huwa rikjest ad validitatem fil-ligi tal-procedura fl-artikolu 180(1) tal-Kap 12 ma giex osservat ad unguem. Kien evidentement ghalhekk illi in segwitu giet mitluba korrezzjoni fl-okkju billi l-patrocinant legali taghha bilfors irrealizza li minghajr tali korrezzjoni, l-

avviz li gie pprezentat mis-socjeta' attrici appellanti kien irritu u null. Tajjeb jew hazin, il-fatt jibqa' li t-talba ghall-fini ta' korrezzjoni fl-okkju ma gietx akkordata mill-Ewwel Qorti u li wara li din giet respinta minnha la sar appell u lanqas ma giet irtirata l-azzjoni biex, minflok, tigi riproposta ohra kif titlob il-ligi. Illi ghalhekk huwa kollu inutli ghas-socjeta' attrici li tibqa' tinsisti fuq dak li suppost sar mill-ewwel Qorti.

9. Is-sottomissjonijiet kollha tas-socjeta' appellanti, li anke hi bhala socjeta' registrata barra minn Malta, jista' jkollha, u fil-fatt ghandha, personalita' guridika distinta li tintitolaha tagixxi f'isimha m'humiex il-pern veru tal-kwistjoni. Il-punt veru ta' diffikulta' huwa dak invece li l-prezentata ta' l-avviz promotorju saret minn persuna li fil-mument tal-prezentata ma kienetx Malta u li, waqt il-prezentata ta' l-avviz promotorju mill-atti, ma kien hemm assolutament xejn x'juri li din is-socjeta' estera kellha lokalment mandatarju in rapprezentanza taghha. F'dan is-sens ghalhekk, m'ghandhiex ragun is-socjeta' appellanti li tibqa' tinsisti li hija kienet "ab initio" ottemperat ruhha sew mar-rekwiziti kollha tal-ligi. Dan huwa invece manifestament skorrett. Meta l-ewwel Qorti rriferiet ghas-socjeta' attrici bhala wahda "non-ezistenti" kien jidher sufficjentement evidenti mill-korp ta' l-istess decizjoni li dak li riedet tfisser l-Ewwel Qorti kien li din is-socjeta' ma kienetx inkorporata lokalment, ma kellhiex indirizz jew ufficcju f'Malta, u fil-mument tal-prezentata ta' l-avviz ma kellhiex mandatarju biex jirrapprezentaha

formalment skond il-ligi, u dan kif fuq inghad. Jekk il-fatti kienu differenti, dawn certament ma dehrux hekk meta l-att promotorju gie pprezentat, ghaliex "quod non est in acti non est in mundo". Is-socjeta' attrici ppruvat tissana tali nuqqas procedurali billi wara l-akkadut tipprezenta dokumenti in iskritt u taghmel talba ghall-fini ta' korrezzjoni izda ma rnexxilhiex tottjeniha. Bic-cahda tal-korrezzjoni li intalbet kien ifisser li kollox baqa invarjat. Kwindi dan igib u jwassal ghan-nullita' ta' l-istess prezentata – ezattament kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti li dwarha gie interpost dana l-appell. Kien evidentement ghal din ir-raguni li l-Ewwel Qorti gustament irriteniet illi "kwindi kif intavolata l-azzjoni ma tistax tregi".

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mm